



Brussell, 4 ta' Diċembru 2023  
(OR. en)

16336/23

CT 193  
ENFOPOL 531  
COTER 236  
JAI 1613  
COPEN 432

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

|                           |                                                                                                                                                                 |
|---------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:                     | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                |
| fi:                       | 4 ta' Diċembru 2023                                                                                                                                             |
| lil:                      | Delegazzjonijiet                                                                                                                                                |
| Nru. dok. preċ.: 15407/23 |                                                                                                                                                                 |
| Suġġett:                  | Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-appoġġ u r-rikonoxximent tal-vittmi tat-terroriżmu<br>– <i>Konklużjonijiet tal-Kunsill (4 ta' Diċembru 2023)</i> |

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-titjib tal-appoġġ u r-rikonoxximent tal-vittmi tat-terroriżmu, approvati mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fit-3992 laqgħa tiegħu li saret fl-4 ta' Diċembru 2023.

**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL****dwar it-titjib tal-appoġġ u r-rikonoxximent tal-vittmi tat-terroriżmu**

FILWAQT LI JISĦAQ li t-terroriżmu jibqa' theddida globali kritika, jikkostitwixxi wieħed mill-aktar ksur serju tal-valuri tal-Unjoni Ewropea u jipperikola l-prinċipji demokratiċi bażiċi bħar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-koeżjoni soċjali.

FILWAQT LI JQIS li l-ġlieda kontra t-terroriżmu għandha tiġi indirizzata mhux biss minn perspettiva ta' sigurtà, iżda wkoll b'fokus fuq il-persuni affettwati direttament, l-Istati Membri jeħtieġ li jiżguraw rispons komprensiv għall-ħtiġijiet tal-vittmi tat-terroriżmu minħabba li l-issodisfar tal-ħtiġijiet tagħhom mhix biss responsabbiltà morali iżda wkoll kwistjoni ta' konformità mal-obbligi legali skont id-dritt internazzjonali u tal-UE.

FILWAQT LI JIEĦU KONT tal-fatt li d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi<sup>1</sup> tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità u tirrikonoxxi li l-vittmi tat-terroriżmu jeħtieġu attenzjoni, appoġġ u protezzjoni speċjali minħabba n-natura partikolari tar-reat; ir-reviżjoni proposta tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi<sup>2</sup> li għandha l-għan li tkompli ssaħħaħ id-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità fl-UE, inkluż id-drittijiet tal-vittmi tat-terroriżmu; id-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu<sup>3</sup> tinkludi dispożizzjonijiet partikolari ddedikati għall-vittmi tat-terroriżmu u tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm stabbiliti servizzi ta' appoġġ minbarra, jew bħala parti integrata mis-servizzi ġenerali ta' appoġġ għall-vittmi, li jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi tat-terroriżmu u li jkunu disponibbli immedjatament wara attakk terroristiku u sakemm ikun meħtieġ.

---

<sup>1</sup> Id-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57).

<sup>2</sup> Il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2012/29/UE li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità (11840/23).

<sup>3</sup> Id-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU L 88, 31.3.2017, p. 6).

FILWAQT LI JINNOTA li l-Kunsill, fil-Konklużjonijiet tiegħu dwar il-vittmi tat-terroriżmu adottati fl-4 ta' Ġunju 2018<sup>4</sup>, appella lill-Istati Membri biex jinnominaw punt ta' kuntatt nazzjonali responsabbli għall-għoti ta' informazzjoni dwar l-appoġġ, l-assistenza, il-protezzjoni u s-sistema ta' kumpens disponibbli għall-vittmi tat-terroriżmu sabiex jiffaċilitaw l-iskambju rapidu ta' informazzjoni u assistenza f'każ ta' attakk terroristiku.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-inizjattivi tal-UE li jappoġġaw u jinvolvu lill-vittmi tat-terroriżmu, bħall-Istrateġija tal-UE dwar id-drittijiet tal-vittmi (2020 – 2025) adottata f'Ġunju 2020, li hija applikabbli għall-vittmi kollha tar-reati kollha b'attenzjoni speċjali għall-vittmi l-aktar vulnerabbli u l-Aġenda Kontra t-Terroriżmu, ippreżentata mill-Kummissjoni f'Diċembru 2020, li tappella għal appoġġ imsaħħaħ għall-vittmi tat-terroriżmu; in-Network ta' Sensibilizzazzjoni dwar ir-Radikalizzazzjoni (RAN) li permezz tiegħu l-Kummissjoni ilha tappoġġa lill-vittmi tat-terroriżmu mill-2011, speċjalment fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma ddedikat dwar il-Vittmi tat-Terroriżmu (RAN VoT); il-Pjattaforma tal-UE għad-Drittijiet tal-Vittmi li tipprevedi approċċ aktar orizzontali għad-drittijiet tal-vittmi, inkluż id-drittijiet tal-vittmi tat-terroriżmu, billi tiġbor flimkien għall-ewwel darba l-atturi kollha fil-livell tal-UE li huma rilevanti għad-drittijiet tal-vittmi; u ċ-Ċentru ta' Għarfien Espert tal-UE għall-Vittmi tat-Terroriżmu li twaqqaf mill-Kummissjoni Ewropea sabiex joffri għarfien espert, gwida u appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali u lill-organizzazzjonijiet ta' appoġġ għall-vittmi.

FILWAQT LI JAGĦRAF is-suċċess taċ-Ċentru ta' Għarfien Espert tal-UE għall-Vittmi tat-Terroriżmu fil-fażi tal-proġett pilota tiegħu u d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tkompli bi stadju ġdid ta' sentejn bil-possibbiltà ta' estensjoni għal sentejn oħra.

FILWAQT LI JINSAB KONXJU li mhux l-Istati Membri kollha sofrew attakki terroristiċi fit-territorju tagħhom jew għandhom residenti li kienu vittmi tat-terroriżmu f'pajjiżi oħra u li għalhekk huma raġonevolment ma għandhomx dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-vittmi tat-terroriżmu.

---

<sup>4</sup> 9719/18.

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-fenomeni terroristiku attwali għandu dimensioni globali u tranżnazzjonali u jirrikjedi li l-Istati Membri kollha jkunu lesti f'każ li jseħħ attakk terroristiku fit-territorju tagħhom jew jaffettwa lir-residenti tagħhom. Għandhom jiġu adottati soluzzjonijiet fattibbli u effiċjenti biex jinkisbu tħejjija u rispons konsistenti madwar l-Unjoni Ewropea.

FILWAQT LI JQIS li r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ibbażat fuq l-Artikolu 29(2) tad-Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu<sup>5</sup> jikkonkludi li, minkejja l-impatt ġenerali tad-Direttiva, hemm nuqqasijiet fir-rigward tat-traspożizzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi għall-vittmi tat-terroriżmu, li jista' jkollhom effett fuq vittmi transfruntiera tat-terroriżmu li ma jirċevux assistenza jew appoġġ imfassal apposta għall-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom.

FILWAQT LI JINNOTA li mhux l-Istati Membri kollha ħatru punt uniku ta' kuntatt f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-vittmi tat-terroriżmu.

FILWAQT LI JAGĦRAF l-istabbiliment tal-punti uniċi ta' kuntatt għall-vittmi tat-terroriżmu bħala network speċifiku fi ħdan in-Network Ewropew dwar id-Drittijiet tal-Vittmi.

FILWAQT LI JINNOTA li, minbarra l-ħtieġa li l-Istati Membri jkollhom punt uniku ta' kuntatt deżinjat li jista' jiffaċilita l-aċċess għall-assistenza lill-vittmi tat-terroriżmu, għandhom jiġu stabbiliti fi protokoll operazzjonali mhux vinkolanti l-aħjar prattiki u r-rakkomandazzjonijiet għall-kooperazzjoni u l-kollaborazzjoni tal-punti uniċi ta' kuntatt f'każ ta' attakk terroristiku li jirriżulta f'vittmi transfruntiera. In-network tal-punti uniċi ta' kuntatt abbozza dokument mhux vinkolanti intitolat "Protokoll Operazzjonali għan-Network ta' punti uniċi ta' kuntatt għall-vittmi tat-terroriżmu"<sup>6</sup> li, b'kont meħud taċ-ċirkostanzi nazzjonali differenti tal-Istati Membri, jista' jikkontribwixxi biex daww il-vittmi jirċievu assistenza, appoġġ, protezzjoni u kumpens finanzjarju f'konformità mal-leġislazzjoni Ewropea.

---

<sup>5</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ibbażat fuq l-Artikolu 29(2) tad-Direttiva (UE) 2017/541 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/475/ĠAI u li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/671/ĠAI (13478/1/21 REV 1 + ADD 1 + COR 1).

<sup>6</sup> 14763/23.

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-komponent politiku u soċjetali ġenerali tal-attakki terroristiċi jgħib miegħu hteġa għar-rikonoxximent u t-tifkira tal-vittmi tat-terroriżmu, li jirfdu l-proċess ta' rkupru tal-vittmi bħala individwi u bħala membri tal-komunità, filwaqt li jrawmu l-koeżjoni soċjali u d-difiża tal-valuri demokratiċi. Huwa essenzjali li l-Istati Membri jissalvagwardjaw il-memorja tal-vittmi tat-terroriżmu, kemm bħala att ta' ġustizzja kif ukoll bħala strument għad-delegittimizzazzjoni soċjali tat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti.

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI r-rwol ċentrali li l-vittmi tat-terroriżmu għandu jkollhom f'dawn il-politiki ta' tifkira, b'mod partikolari r-rwol tagħhom fis-sensibilizzazzjoni dwar il-vjolenza terroristika permezz tax-xhieda tagħhom, peress li leħinhom huwa għodda b'saħħitha għas-sensibilizzazzjoni dwar il-konsegwenzi umani tat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti.

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA l-kontribut tas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet tal-vittmi fl-għoti ta' appoġġ lill-vittmi tat-terroriżmu, billi jiġbdu l-attenzjoni għall-kwistjonijiet differenti li jiffaċċjaw u fil-politiki ta' tifkira u d-delegittimizzazzjoni tat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti.

## **L-ISTATI MEMBRI HUMA MISTIEDNA BIEX**

IKUNU KONXJI mill-hteġa li jinsabu lesti f'każ ta' attakk terroristiku u, konsegwentement, li jinnominaw punt uniku ta' kuntatt għall-vittmi tat-terroriżmu biex jiffaċilita l-eżerċizzju tad-drittijiet transfruntiera tal-vittmi u jikkontribwixxi għal kooperazzjoni effettiva bejn l-Istati Membri kollha.

JINKORAĠĠIXXU lill-punt uniku ta' kuntatt nazzjonali tagħhom biex jippromwovi lill-nnifsu bl-għan li jkun magħruf mill-awtoritajiet involuti fil-livell nazzjonali u internazzjonali u jimpenja ruħu li jżomm aġġornata l-lista tal-punti ta' kuntatt tan-Network Ewropew dwar id-Drittijiet tal-Vittmi.

IQISU l-implimentazzjoni tal-aħjar prattiki u r-rakkomandazzjonijiet inklużi fil-"Protokoll operazzjonali tan-network ta' punti uniċi ta' kuntatt għall-vittmi tat-terroriżmu" filwaqt li jiġu rrispettati bis-sħiħ il-leġiżlazzjoni u l-ispeċifikitajiet nazzjonali tal-Istati Membri.

JINKORAĠĠIXXU l-adozzjoni rapida tar-reviżjoni mmirata tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Vittmi li għandha l-għan li tiżgura li l-vittmi tal-kriminalità, inkluż il-vittmi tat-terroriżmu, ikunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mid-drittijiet tagħhom fl-UE.

JINKORAĠĠIXXU l-adozzjoni ta' miżuri li jiżguraw ir-rikonoxximent u r-rispett għall-vittmi tat-terroriżmu, billi jippromwovu t-taħriġ għall-professjonisti li jittrattawhom, u jiġbdu l-attenzjoni tal-media għat-trattament tal-vittmi u jinkoraġġixxu approċċ li fih ix-xewqat u l-kontributi tal-vittmi jiġu riflessi b'mod xieraq f'avvenimenti k commemorattivi.

IQISU li l-ilħna tal-vittmi tat-terroriżmu u x-xhieda tagħhom iqajmu sensibilizzazzjoni dwar il-konsegwenzi umani tat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, u għalhekk għandhom jiġu meqjusa fil-programmi u l-istrateġiji tal-Istati Membri għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni vjolenti.

JIPPROMWOVU l-politiki ta' tifikira tal-vittmi tat-terroriżmu skont id-drawwiet u l-prattiki individwali tal-Istati Membri, sabiex daww li tilfu ħajjithom jew li sofrew korrimenti fiżiċi jew psikoloġiċi jew li kellhom il-libertà tagħhom issagrifikata bħala konsegwenza tal-fanatiċiżmu terroristiku ma jintesewx, u daww il-politiki jistgħu jintużaw ukoll bħala strument għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni vjolenti.

IQISU modi biex jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni dwar vittmi transfruntiera, fl-aħjar interess tal-vittmi.

## **IL-KUMMISSJONI HIJA MITLUBA**

TINKORAĠĠIXXI l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, l-istrutturi eżistenti tal-UE u s-soċjetà ċivili sabiex jipprovdu appoġġ effiċjenti lill-vittmi ta' attacchi terroristiċi kemm fil-fażi direttament wara kif ukoll fil-fażi ta' segwitu.

TIŻGURA l-kontinwazzjoni tal-funzjonament taċ-Ċentru ta' Għarfien Espert tal-UE għall-Vittmi tat-Terroriżmu u tespandi l-firxa ta' azzjonijiet tiegħu sabiex ikun jista' jieħu approċċ aktar Prattiku biex jappoġġa lill-Istati Membri, speċjalment dawk l-inqas imħejjija, meta jsofru attakk terroristiku, filwaqt li jiffaċilita sħubijiet ġodda ma' organizzazzjonijiet internazzjonali u pajjiżi mhux tal-UE.

TAPPOĠĠA l-funzjonament tan-network ta' punti uniċi ta' kuntatt għall-vittmi tat-terroriżmu taħt in-Network Ewropew dwar id-Drittijiet tal-Vittmi, fl-organizzazzjoni ta' kooperazzjoni operattiva effiċjenti bejn il-punti uniċi ta' kuntatt tal-Istati Membri.

TIPPERPETWA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-assoċjazzjonijiet tal-vittmi, l-organizzazzjoni tal-Jum ta' Tifkira annwali tal-UE għall-Vittmi tat-Terroriżmu bħala att kemm ta' memorja kif ukoll ta' reżiljenza.

TIŻGURA li l-ilħna tal-vittmi u s-superstiti tat-terroriżmu jkunu parti mill-attivitajiet żviluppati fil-qafas taċ-Ċentru ta' Għarfien tal-UE dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni li għandu jitnieda fl-2024.

---